MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2008

Numru. 789/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**JOSEF FARRUGIA ta' 28 sena, iben Anthony u Mary nee' Cilia imwieled Pieta' fid-19 ta' Marzu 1980, li joqghod fil-fond 5, Triq Gardenia, Santa Lucija u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 168580(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Josef Farrugia akkuzat talli:

1. Fit-18 ta' Settembru 2007, waqt li kien il-Belt Valletta ghal habta tal-hamsa neqsin kwart ta' fil-ghaxija, kkometta

serq ta’ mobile phone li l-valur tieghu jammonta ghas-somma ta’ mija u tmenin lira Maltin, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt Lira Maltin izda inqas minn elf Lira Maltin u li sar ghad-detriment ta’ Claudette Mifsud;

2. U aktar talli sar recidiv ai termini ta’l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali tad-19 ta’ Ottubru 2008.

Semghet in-nuqqas ta’ oggezzjoni ta’l-imputat sabiex l-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti.

Semghet l–ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata u dana wara li l-imputat inghata zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Rat ir-rapport ipprezentat mill-Probation Officer Maryanne Zammit a tenur ta’l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni maghmula mill-imputat, kif ukoll fid-dawl tal-provi kollha prodotti b’mod sepecjali ir-rapport ipprezentat mill-Probation Officer Maryanne Zammit (Dokument MZ), l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’l-ewwel akkuz migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar it-tieni akkuza, u cioe’ l-akkuza tar-recidiva, il-Qorti tosserva illi l-prosekuzzjoni naqqset milli tressaq provi dwar l-istess. Mill-atti processwali jirrizulta illi ma gietx ipprezentata is-sentenza jew sentenzi relattivi u l-fedina penali ipprezentata fl-atti processwali ma hijiex l-

ahjar prova. Ghaldaqstant fuq nuqqas ta’ provi, il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza.

Illi dwar piena, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputat fi stadju bikri ta’ dina l-kawza. Madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora ir-rakkomandazzjoni maghmula mill-Probation Officer fir-rapport taghha. Jidher illi l-imputat kellu hajja sfortunata hafna li minhabba f’dan spicca waqa’ vittma tal-vizzju tad-droga. Dana il-vizzju wasslu sabiex jikkometti diversi reati, kif fil-fatt jidher mill-fedina penali tieghu esebita fl-atti tal-kawza. Jidher illi l-uniku ghajnuna li tista’ toffri dina l-Qorti lill-imputat hija li huwa jinghata piena karceraraja bil-beneficcju li isegwi program ta’ riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Hekk ukoll is-socjeta tkun qed tigi salvagwardjata mill-kummissjoni ta’ reati ohra min-naha ta’l-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni akkuza u cioe’ l-akkuza tar-recidiva fuq nuqqas ta’ provi, issibu hati ta’l-ewwel akkuza u tikkundannah ghal perijodu ta’ sitt xhur prigunerija, b’rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita’ Korettiva ta’ Kordin illi l-imputat jibda isegwi kemm jista’ ikun malajr, program residenzjali ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti qieghda tordna li kopja ta’ dina s-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Facilita’ Korettiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------